# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## Bhala QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

Magistrat: Dr. Noel Cuschieri LL.D., Mag. Jur. (Eur. Law)

***<u>Drogi 47/99</u>***

***Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***V***
***Marco Ellul***

Illum 23 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat

***<u>Akkuzi</u>***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Marco Ellul huma bazati fuq is-segwenti reati: **Pussess Illegali (semplici)** tar-<u>raza</u> tal-cannabis, **Traffikar** tal-istess droga; u ksur tal-kondizzjoni tal-liberta' kondizzjonata - fid 29 ta' Mejju 1998 u fix-xaharejn ta' qabel din id-data.

***<u>Kwadru tal-fatti</u>***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fid-29 ta' Mejju 98 l-imputat, flimkien ma' habib tieghu, iddecidew imorru Wied il-Ghajn. Waqt li kien fil-karrozza fi triqiethom ddecidew li jpejpu l-haxixa. Il-habib tal-imputat hareg il-haxixa u kkonsenjha lill-imputat sabiex jobrom joint, imbaghad dawn iz-zewg zaghzagh hadu nifsijiet minn dan il-joint. Fi kliem iehor qassmu dan il-joint bejniethom. Waqt li kien qed jghamlu hekk dahhlu go roadblock, u kif iz-zaghzugh l-iehor nduna bil-membri tal-AFM,

dana rema l-joint mit-tieqa, izda s-suldati raw din il-manuvra u dawn iz-zewg zaghzagh gew arrestati u kkonsenjati f' idejn il-pulizija flimkien mal-joint li gie elevat minn fuq il-post.

Illi l-imputat ammetta ghal dawn il-fatti.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi mill-kwadru premess, jikkonfigura r-reat **ta' Pussess Illegali semplici** tar-raza mehuda mill-pjanta tal-Cannabis, izda mhux ir-reat ta' Traffikar.

Illi l-akkuza numru 3 tinsab sodisfatta, in kwantu jikkoncerna l-provvediment tal-Artikolu 9 tal-Kap.152.

***Piena***

Illi in propositu ghal piena din il-Qorti wara li rat il-fedina penali tal-imputat, u hadet in konsiderazzjoni l-fatti tal-kaz, kif ukoll l-ammont zghir tad-droga involuta, hija tal-fehma li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat that supervizjoni ta' probation officer ghal certu perijodu ta' zmien.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza a tenur tal-Artikolu 8 Kap.101 u r-regolament 8 GN 292/39 u wara li rat l-Artikolu 10 Kap.152, tpoggi lill-istess imputat that is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien sentejn skond l-Artikolu 5 Kap.152, bl-obbligu li jaderixxi ghall-kondizzjonijiet kollha stiputati fil-probation order annessa ma' din is-sentenza.

Il-Qorti spjega lill-imputat l-import u s-sinifikat ta' dan il-provvediment.

Ma ssubux hati tal-akkuza numru tnejn u tilliberah minnha.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***

**Bruno Zahra**

**Deputat Registratur**